# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **il-Hamis 24 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs.**

**Charles sive Charlotte Gouder**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charles sive Charlotte Gouder, ta' 36 sena, bin Carmelo u Doris nee' Mallia, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Lulju 1971, residenti 23, Triq San Karlu, Valletta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 413372(M)

Billi akkuzat:

1. Talli nhar it-23 ta' Novembru 2007, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom cioe' mutur tal-ghamla Yamaha 250 bin-numru tar-registrazzjoni FAA 104 u rota;

2. U aktar talli nhar it-22 u 23 ta' Novembru 2007, f'hinijiet differenti, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Yamaha 250 bin-numru tar-registrazzjoni FAA 104 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar riskju ta' terzi persuni;
3. U aktar talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar il-4 ta' Mejju 2006, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;
4. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dawn il-proceduri jigu ttrattati u decizi bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti

1. Fit-22 ta' Novembru 2007, Charles Holmes irrapporta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt li, hu kien jahdem il-Belt, u li wara li spicca mix-xoghol tieghu ghall-habta tal-4.30pm ma sabx il-mutur tieghu li kien hallieh ipparkjat f'Cart Street, u ghalhekk kien insteraqlu. Il-mutur kellu numru ta' registrazzjoni FAA 104, Yamaha 250.
2. Il-gurnata ta' wara Holmes kien qed isuq bil-van ma' kollega tieghu tax-xoghol, u kienu tielghin it-Telgha tal-Kurcifiss, il-Floriana, u huma u ghaddejjin ra zewg persuni nizlin fuq mutur lejn ix-xatt, u gharaf li l-mutur kien tieghu, anke ghax kellu l-istess pjanci tar-registrazzjoni.

3. Holmes ghamel U-turn, u beda jsuq wara l-mutur. Il-mutur waqaf fejn il-pompa tal-petrol li hemm fit-Telgha tal-Kurcifiss, u fuqu kien hemm guvni u tfajla. Il-guvni nizel biex jaghti l-petrol lill-mutur.
4. Holmes cempel il-Control Room tal-Pulizija, u fil-fatt gew numru ta' Pulizija sakemm il-mutur kien ghadu fejn il-pompa tal-petrol.
5. Irrizulta li l-guvni li kien qed isuq il-mutur kien l-imputat, u mieghu kellu tfajla Natasha Jane Mullaney.
6. Natasha Jane Mullaney qalet li l-Pulizija li hi kienet id-Detox Centre u talbet lill-imputat lift bil-mutur tieghu sal-Belt. Hi qalet li ma kienitx taf li l-mutur kien misruq. Ghalhekk il-Pulizija ma baqghetx tinvestigaha.
7. Il-Pulizija ghamlet tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn elevaw zewg roti, wahda minnhom gdida fjamanta u tiswa circa LM100.00, u l-Pulizija kellha indikazzjonijiet li z-zewg roti kienu misruqin.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari - L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

*Il-Meritu*

Ir-rizoluzzjoni ta' dawn il-proceduri tiddependi esklussivament fuq il-kredibilita tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-kredibilita tax-xhieda li ta l-imputat stess f'dawn il-proceduri.

Charles Holmes xehed li l-mutur kien tieghu.

Mix-xhieda ta' Brian Farrugia, rapprezentant ta' l-Awtorita dwar it-Trasport, jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni, l-mutur kien registrat fuq Charles Holmes u li kien ilu hekk registrat mill-14 ta' Novembru 1996.

Mix-xhieda ta' Brian Farrugia jirrizulta wkoll li l-imputat fil-gurnata in kwistjoni ma kellux licenzja biex isuq mutur.

Il-PL Noel Bianco, in rapprezentanza ta' Atlas Insurance Limited, xehed li l-mutur kien inxurjat ghal valur ta' LM500 (ekwivalenti ghal €1,165.00) fuq Holmes, u mid-dokumenti ezebiti minnu ma jirrizultax li l-imputat kien kopert bil-polza ta' assigurazzjoni biex isuq dan il-mutur.

Fid-dawl ta' dawn il-provi, ma hemmx dubbju li l-mutur in kwistjoni kien ta' Holmes, u li dan il-mutur gie misruq.

Il-Prosekuzzjoni ezebiet ukoll l-atti tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra certu Burgh Spiteri, ta' sbatax (17)-il sena u li kien joqghod il-Belt, fejn, fuq ammissjoni tieghu stess, huwa nstab hati tas-serq aggravat ta' dan il-mutur b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-26 ta' Novembru 2007.

Berk (recte Burgh) Spiteri xehed f'dawn il-proceduri, wara li l-proceduri kriminali kontrih kienu gew mitmuma, u qal li fl-2007 huwa kien hbieb mal-imputat, u f'gurnata minnhom raw il-mutur ipparkjat il-Belt, u ftehmu li jisirquh biex jiehdu l-imputat, li kien ihobb il-muturi. Gurnata minnhom, Spiteri kien wahdu, ra l-mutur u qabad u nizzlu hdejn id-dar tal-imputat, u l-imputat hadu. Spiteri cahad li kien biegh il-mutur lill-imputat, ghax jghid li peress li kien habib tieghu ma talbux flus.

Min-naha l-ohra l-imputat xehed li waqt li Spiteri kien mar id-dar tieghu bil-mutur biex ibieghulu ghall-prezz ta' LM450.00 ghall-ewwel ma riedux, imma mbaghad accetta li jixrih, u ta LM150.00 dak il-hin lil Spiteri u qallu li l-kumplament itihomlu wara li jaghmlu t-*transfer* tar-registrazzjoni tal-mutur. L-imputat jghid li Spiteri qallu li l-mutur kien tieghu u li Spiteri iffirma l-logbook. Jghid li ftiehmu li jmorru jaghmlu t-*transfer* l-ghada, pero l-mutur zammu l-imputat. L-ghada hareg bih biex imur id-Detox Centre, u meta waqaf biex itih il-petrol, waqqfuh il-Pulizija. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jinsisti li ma kienx jaf li l-mutur kien

misruq, ghaliex li kieku qabel isuqu, kien jisprejjah u jbiddillu l-*body parts*, u jbiddillu l-pjanci.

Din il-Qorti ma ghandhix l-ebda ezitazzjoni li tghid, li ssib li l-versjoni tal-imputat mhix wahda kredibbli, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. L-imputat jghid li dak iz-zmien kien jafu tajjeb lil Spiteri ghax joqghod vicin tieghu ukoll, u jammetti li qatt ma ra lil Spiteri b'dan il-mutur.
2. Meta gara l-incident Spiteri kien ghadu minorenni – kellu sbatax (17)-il sena – u l-imputat kellu sitta u tletin (36) sena. Pero ghalkemm l-imputat jghid li lil Spiteri jafu sewwa, jghid li ma kienx jaf li Spiteri kien ghadu minorenni, ghax skond hu kien jidher li ghandu hamsa u tletin (35) sena. Certament dan mhux kredibbli – apparti mill-fatt li l-imputat stess jammetti li kienu jafu lil xulxin sewwa, hemm differenza vizibbli bejn tifel/guvni ta' sbatax-il sena u ragel ta' hamsa u tletin sena. L-imputat kellu jinduna li minorenni ma kienx ser jipposjedi mutur, aktar u aktar meta kif jghid hu stess qatt ma rah b'dan il-mutur, u Spiteri kien jabbuza mid-droga wkoll.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li meta ha l-mutur minghand Spiteri, jew xtrah, kif jghid hu, l-imputat kien jaf li dak il-mutur kien misruq, u li saqu minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni.

Rigward l-imputazzjoni tas-serq tar-rota, xehed Joseph Ezquer li f'Novembru 2007 hu kien mar id-Depot tal-Pulizija u identifika li rota li kienet fil-pussess tal-Pulizija, kienet tieghu. Ezquer jispjega li hu joqghod fi blokk ta' flats faccata tal-imputat, u r-rota halliha barra l-flats u gurnata minnhom sparixxiet. Jghid li din ir-rota kienet tiswa madwar LM100.00. L-imputat ma pprova jikkontradixxi bl-ebda mod din ix-xhieda ta' Ezquer.

Din il-Qorti m'ghandhix raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita' tax-xhieda ta' Ezquer, li xehed fid-dettal, u ghalhekk tqis li anke l-imputazzjoni tar-ricetazzjoni ta' din ir-rota giet debitament ippruvata.

It-tieni imputazzjoni, u cioe li l-imputat saq il-mutur in kwistjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju u minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar riskju ta' terzi persuni, giet ukoll debitament ippruvata, bil-provi fuq indikati.

It-tielet imputazzjoni, u cioe li l-imputat ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, giet debitament ippruvata bil-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti fuq esposti, u bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Mejju 2006, li giet debitament ezebita.

Ir-raba' imputazzjoni tar-recidiva giet ukoll debitament ippruvata bis-sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat kien tpogga taht ordni provizorja ta' supervizjoni minn din il-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Jannar 2008. Pero fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2013, din il-Qorti irrevokat *contrario imperio* din l-ordni stante li mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation kemm f'dik is-seduta kif ukoll f'seduti ohra precedenti, ma irrizultax li l-imputat huwa impenjat li jirriforma ruhu taht is-supervizjoni tal-ufficjal tal-Probation, stante li ripetutament jonqos li jattendi ghall-appuntamenti.

Lejn tmiem dawn il-proceduri, din il-Qorti ordnat ghal kull buon fini li jsir pre-sentencing report fejn il-Probation Officer ghandu jikkonsidra wkoll jekk l-imputat hux kandidat idoneju biex jaghmel servizz fil-komunita ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Irid jinghad li l-Ufficjal tal-Probation ghamlet ir-rapport taghha, meta l-imputat kien ilu biss tlett gimghat li temm jiskonta sentenza ta' prigunerija effettiva. Minn dan ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat ilu numru ta' snin bi problema tad-droga. Fil-passat huwa kien ghamel programm mal-agenzija Caritas. L-imputat beda kuntatt mal-Caritas fis-sena 2006. Matul is-snin il-kuntatt tieghu ma' din l-agenzija kien pjuttost sporadiku u inkonsistenti. Huwa rega'qabad kuntatt ma' din l-agenzija f'April 2016.

L-Ufficjal tal-Probation qalet ukoll hekk:

*"... ... F'dan l-istadju l-Ufficjal tal-Probation mhiex f'posizzjoni li tirrakkomanda li huwa jwettaw dan ix-xoghol minhabba s-segwenti ragunijiet:*

*L-ewwelnett minhabba li l-imputat m'huwiex qed juri motivazzjoni li jaghmel dan ix-xoghol fejn qed jinsisti li m'huwiex f'sahhtu sabiex iwettaq dan ix-xoghol u skontu qieghed fil-process li jigi boarded out. Madanakollu, meta sar kuntatt mat-tabib tal-familja indikat minnu, dan ma setax jikkonferma li l-imputat mela applikazzjoni sabiex jibda l-process biex ikun boarded out.*

*Barra minn hekk, minhabba li fil-passat l-imputat kellu l-vizzju tad-droga, fejn minkejja li ilu snin clean gewwa l-habs, hu ilu biss tliet gimghat li hareg minn din il-Facilita. Fil-waqt li fil-prezent isostni li m'ghandux vizzji, l-Ufficjal tal-Probation ma kienitx f'posizzjoni li tiehu testijiet ta' l-urina."*

Il-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja, fejn fetah l-ewwel kaz fl-1988 meta kien taht l-eta. B'kollox hu ghandu sitta u tletin (36) kundanna minn dawn il-Qrati, li jvarjaw minn ksur tal-paci pubblika permezz ta'glied, sewqan bla licenzja u reati relatati mas-sewqan, serq u pussess semplici tad-droga.

Kif diga inghad, mis-sentenzi ezebiti jirrizulta li l-imputat huwa recediv plurimu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad.

Il-Qorti tosserva wkoll li mis-sentenzi ezebiti fil-process, din hija t-tieni darba li l-imputat instab hati li saq vettura minghajr ma' kien kopert b'polza tas-sigurta dwar riskju ta' terzi persuni.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u invista li l-imputat gie moghti diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati – inkluz l-ordni ta' supervizjoni provvizorja pendenti dawn il-proceduri – sabiex jitlaq it-triq tal-kriminalita, u jirriforma ruhu, imma huwa ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet, l-unika piena idonea fil-kaz odjern hija dik ta' prigunerja effettiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 334(a), 261(c), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 20, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta'Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tlett (3) snin.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar, sospizi ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-4 ta' Mejju 2006 tigi reza operattiva, u b'hekk l-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' erba' (4) snin u sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**